31996L0072

L 304/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 27.11.1996

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/72/KE

## tat-18 ta' Novembru 1996

## li temenda d-Direttivi 66/400/KEE, 66/401/KEE, 66/402/KEE, 66/403/KEE, 69/208/KEE u 70/458/KEE dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pitravi, taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, taż-żerriegħa taċ-ċereali, tal-patata taż-żrigħ, taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u l-fibri u taż-żerriegħa tal-ħxejjex

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi l-Artikolu G tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea biddel it-terminu 'Komunità Ekonomika Ewropea' bit-terminu "Komunità Ewropea"; billi l-abbrevjazzjoni 'KEE' għandha għalhekk tiġi mibdula bl-abbrevjazzjoni "KE";

Billi l-abbrevjazzjoni "KEE" tidher f'ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttivi 66/400/KEE ([4]), 66/401/KEE ([5]), 66/402/KEE ([6]), 66/403/KEE ([7]), 69/208/KEE ([8]), u 70/458/KEE ([9]) dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pitravi, taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, taż-żerriegħa taċ-ċereali, tal-patata taż-żrigħ, taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u l-fibra u taż-żerriegħa tal-ħxejjex u partikolarment f'dak li għandhom x'jaqsmu l-pakketti u l-ittikkettjar taż-żerriegħa; billi huwa għalhekk xieraq li tinbidel l-abbrevjazzjoni 'KEE' bl-abbrevjazzjoni 'KE' fid-dispożizzjonijiet imsemmija;

Billi, b'dankollu, il-ħażniet kbar ta' tikketti ordnati bil-quddiem u dawk li għadhom iġibu l-abbrevjazzjoni "KEE" għandhom, matul il-perjodu tal-kambjament, jibqgħu jkunu permissibbli li jintużaw,

([1]) ĠU Nru C 157, ta' l-1. 6. 1996, pġ. 15.
([2]) ĠU Nru C 166, ta' l-10. 6. 1996, pġ. 243.
([3]) L-Opinjoni mogħtija fil-25 ta' Settembru 1996 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU Nru 125, tal-11. 7. 1966, pġ. 2290/66. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bit-Trattat tas-Sħubija (1994).
([5]) ĠU Nru 125, tal-11. 7. 1966, pġ. 2298/66. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Direttiva tal-Kummissjoni 96/18/KE (ĠU Nru L 76, tas-26. 3. 1996, pġ. 21).
([6]) ĠU Nru 125, tal-11. 7. 1966, pġ. 2309/66. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 95/6/KE (ĠU Nru L 67, tal-25. 3. 1995, pġ. 30).
([7]) ĠU Nru 125, tal-11. 7. 1966, pġ. 2320/66. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/16/KE (ĠU Nru L 6, tad-9. 1. 1996, pġ. 19).
([8]) ĠU Nru L 169, ta' l-10. 7. 1969, pġ. 3. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummssjoni 96/18/KE (ĠU Nru L 76, tas-26. 3. 1996, pġ. 21).
([9]) ĠU Nru L 225, tat-12. 10. 1970, pġ. 7. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/18/KE (ĠU Nru L 76, tas-26. 3. 1996, pġ. 21).

ADOTTA DIN ID-DIRETIVA:

### *Artikolu 1*

Id-Direttivi 66/400/KEE, 66/401/KEE, 66/402/KEE, 66/403/EEC, 69/208/KEE u 70/458/KEE għandhom jiġu emendati kif ġej:

1. Fid-Direttiva 66/400/KEE, l-abbrevjazzjoni "KEE" fi:
   - — l-Artikolu 2. 1. G.,
   - — l-Artikolu 10 (1), (2) u (3),
   - — l-Artikolu 11 (1),
   - — l-Artikolu 11a (1) u (2),
   - — l-Artikolu 11b,
   - — l-Artikolu 14 (1), it-tieni inċiż, u
   - — l-Anness III A I u B, it-titolu u l-punt 1, għandhom jiġu mibdula bl-abbrevjazzjoni "KE".
2. Fid-Direttiva 66/401/KEE, l-abbrevjazzjoni "KEE" fi:
   - — l-Artikolu 2. 1. F u G,
   - — l-Artikolu 9 (1), (2) u (3),
   - — l-Artikolu 10 (1),
   - — l-Artikolu 10a (1) u (2),
   - — l-Artikolu 10b,
   - — l-Artikolu 13 (3),
   - — l-Artikolu 14 (1), it-tielet inċiż,
   - — l-Anness IV A I (a) 1 u (b) 1, u
   - — L-Anness IV B, it-titolu, il-punt (a) 1, il-punt (b) 1 u l-punt (c) 1, 3, 4, 5, 6 u 7, għandhom jiġu mibdula bl-abbrevjazzjoni "KE".
3. Fid-Direttiva 66/402/KEE, l-abbrevjazzjoni "KEE" fl-Anness IV A, (a) 1 għandha tinbidel bl-abbrevjazzjoni "KE".
4. Fid-Direttiva 66/403/KEE, l-abbrevjazzjoni "KEE" fl-Anness III, A, 1 għandha tinbidel bl-abbrevjazzjoni "KE".
5. Fid-Direttiva 69/208/KEE, l-abbrevjazzjoni "KEE" fl-Anness IV, A, (a) 1 u fl-Anness IV, A, (b) 1 għandha tinbidel bl-abbrevjazzjoni "KE".
6. Fid-Direttiva 70/458/KEE l-abbrevjazzjoni "KEE" fi:
   - — l-Artikolu 25 (1), u
   - — l-Anness IV, A, (a) 1 u B, (a) 1, għandhom jinbidlu bl-abbrevjazzjoni "KE".

*Artikolu 2*

Il-bqija tal-ħażniet tat-tikketti li jġorru l-abbrevjazzjoni "KEE" jistgħu jissoktaw jintużaw sal-31 ta' Diċembru 2001.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fl-1 Lulju 1997. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpajnati b'din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif jagħmlu din ir-referenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Novembru 1996.

*Għall-Kunsill*

I. YATES

*Il-President*